**DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI**
***DEPARTMENT OF INFORMATION***
**MALTA**

# Press Release

**PR201248** **02.07.2020**

**STQARRIJA MILL-KAMRA TAD-DEPUTATI**

***Preżentazzjoni tar-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta għall-2019***

Nhar l-Erbgħa, 1 ta' Lulju 2020, il-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji ltaqa' mal-Gvernatur tal-Bank Ċentrali Dr Mario Vella sabiex il-Gvernatur jippreżenta r-Rapport Annwali tal-Bank Ċentrali ta' Malta għas-sena 2019. Il-Kumitat kien ippresedut minn Jean Claude Micallef MP, u ħadu sehem il-Ministru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji Edward Scicluna, u l-MPs Kristy Debono, Mario de Marco u Claudio Grech, membri ta' dan il-kumitat.

Dan ir-rapport huwa ppreparat skont id-dispożizzjonijiet tal-Att tal-Bank Ċentrali ta' Malta, li jgħid illi l-Bank irid jippubblika rapport annwali li jinkludi fih il-kontijiet annwali ċċertifikati tal-Bank, rendikont tal-investimenti tiegħu u rapport dwar l-operazzjonijiet tiegħu matul is-sena tal-2019. Ir-Rapport Annwali jinkludi wkoll stqarrija introduttorja tal-Gvernatur, analiżi tal-iżviluppi ekonomiċi u finanzjarji f'Malta u barra minn Malta, u valutazzjoni tal-prospetti ekonomiċi ta' Malta.

Barra minn hekk il-Kumitat ikkonkluda d-diskussjoni fuq l-impatti ekonomiċi u rakkomandazzjonijiet għall-ekonomija Maltija wara l-COVID-19. Jean Claude Micallef, bħala l-President tal-Kumitat, ser ikun qed ipoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra rapport dwar id-diskussjonijiet li kien hemm fil-Kumitat f'dan ir-rigward.

Il-Kumitat ser jerġa' jiltaqa' fit-8 ta' Lulju 2020, fejn is-Sur Alfred Camilleri, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji, se jagħti rendikont tal-operat tal-Mekkaniżmu u tal-Faċilità għall-Istabilità Finanzjarja Ewropea għas-sena 2019.

**Attachments: none** 

**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**